31 ta' Lulju, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Cost Chretien

**Traffiku — Kolliżjoni — Skiddjar — Rapport tal-Inċident lill-Pulizija — Art. 57 tal-Motor Car Regulations**

*Meta tissuċċiedi kolliżjoni minħabba li waħda mill-karrozzi involuti fiha tkun skiddjat, id-driver tal-karrozza li skiddjat huwa responsabbli, jekk ma għarafx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jevita u innaqqas l-iskiddjar. meta kellu ż-żmien li jagħmel dan; u hu aktar u aktar responsabbli jekk jagħmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament ta' l-iskiddjar. Għax l-imperizja fis-sewqan hija sewqan ħażin, hija ħtija.*

*Id-driver li jiltaqa' ma aċċident fit-triq hu obbligat jirrapporta dak l-aċċident fil-pront fl-eqreb għassa tal-Pulizija, meta ma jkunx hemm, fil-ħin ta' l-aċċident, xi persuna li tista' ġġegħlu jagħtiha ismu u l-indirizz, u meta jiġri xi ħsara lil xi vettura, ziemel, jew frat; u kwalunkwe persuna fuq il-post tista' titlob dawk il-partikularitajiet lid-driver, u għalhekk, u b'mod speċjali, anki sid il-karrozza li sofriet il-ħsara. Meta d-driver ikun ta l-partikularitajiet tiegħu lil sid il-karrozza li sofriet il-ħsara, huwa ma għandux aktar l-obbligu li jirrapporta lill-Pulizija dak li ġara; u għalhekk ma jikkommettix il-kontravvenzjoni kontemplata mill-art. 57 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi tal-Mutur jekk huwa jonqos ma jirrapporta l-inċident lill-Pulizija.*

Il-Qorti: — Fuq l-akkuża miġjuba kontra Joseph Cost Chretien talli fl-21 ta' Jannar, 1954, għall xi l-11.45 a.m., minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u billi ma osservax ir-regolamenti, waqt li kien isuq motor-car minn Birżebbuġa Road, limiti ta' Birżebbuġa, ħabat ma' motor-car numru 15237 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' John Mifsud, u naqas jirrapporta l-inċident immedjatament fl-eqreb għassa tal-Pulizija, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tas-16 ta' Ġunju, 1954, sabet lill-imsemmi Joseph Cost Chretien ħati skond l-akkuża miġjuba kontra tiegħu: u wara li rat l-art. 342(d) tal-Kodiċi Kri-

minali u sect. 57 tal-G. N. 24 ta' l-1948, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, ordnat illi l-imsemmi *Joseph Cost Chretien jiġi* liberat taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali fuq l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għal 5s. ammenda fuq it-tieni imputazzjoni;

L-imputat appella;

Il-Qorti rat il-verbal ......;

Mill-provi rriżulta li f'gurnata tax-xita u taż-żlieq l-imputat kien isuq il-karrozza tiegħu fin-niżla ta' Għar Dalam lejn Birżebbuġa, x'ħin induna li l-karrozza tiegħu bdiet tiskiddja. *Ma jidherx li kien qed isuq qawwi; iżda lanqas jidher* li kien qed isuq fuq gear baxx, għax l-imputat xehed li f'dik in-niżla baqa' isuq fuq l-istess gear, għax ma biddilhiex; u fin-niżla, meta beda jiskiddja, naqqas il-gear biex inaqqas il-ġiri. Sadattant kienet tiela fid-direzzjoni opposta l-karrozza misjuqa mill-Ispiżjar Mifsud fuq in-naħa sewwa tat-triq. Intant l-imputat, biex jirrimedja għall-iskiddjar, applika l-brakes ta' l-erbgħa roti, u l-karrozza tiegħu kompliet tiskiddja iżjed; ħin ħin bla waqt daret lejn il-lemin lejn il-ħajt, fejn waqfet ma' ġebla u *għalqet it-triq, u f'dak il-ħin stess li* kienet qegħdha tagħlaq it-triq, saret il-ħabta bejnu u bejn il-karrozza ta' Mifsud, b'mod li ż-żewġ karrozzi sfaw bil-ħsara; u dan ġara xi 500 pied il-bogħod minn fejn l-imputat induna li l-karrozza bdiet tiskiddja;

Mill-mod kif ġara l-fatt jidher li l-ħabta u l-ħsara konsegwenzjali ġraw minħabba li l-karrozza ta' l-imputat skiddjat u għalqet it-triq ħin bla waqt, b'mod li l-kolliżjoni saret inevitabbli. Iżda l-imputat immedjatament qabel il-kolliżjoni *ma għamilx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jikkoreġi u* jnaqqas l-iskiddjar fil-waqt li kellu tul ta' 500 pied biex jammanuvra b'mod li jimminiżża l-iskiddjar permezz ta' tibdil tal-gear għal gear mill-aktar baxx; anzi għamel manuvra mill-aktar falsa, konsistenti fl-applikazzjoni tal-brakes ta' l-erbgħa roti fil-waqt li żamm l-istess gear li fuqu kien qed jiġri, u b'hekk ipprovoka l-aggravament ta' l-iskiddjar; u b'hekk, minħabba l-imperizja tiegħu f'dik il-manuvra falsa, irrenda ruħu ħati ta' li ġara; għax anki l-imperizja fis-sewqan, bħas-sewqan ħażin, hija ħtija *fara sentenza ta' dil-Qorti*

tad-19 ta' Settembru, 1949 in re "Pulizija vs. Felice Mangion", Vol. XXXIII-IV-931);

Għaldaqstant l-ewwel akkuża tinsab fondata sewwa;

Fuq it-tieni akkuża, irriżulta li l-imputat ta' rapport talkaż l-għada li dan ġara. Iżda ma jidherx li huwa kkommetta l-kontravvenzjoni kontemplata fis-sezzjoni 57 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Dak ir-regolament jikkunsidra żewġ każi li fihom id-driver għandu l-obbligu li jirrapporta l-aċċident fil-pront fl-eqreb għassa tal-Pulizija, i.e. meta ma jkunx hemm fil-hin ta' l-aċċident persuna li tista' ġġagħlu jagħtiha ismu u l-indirizz, u meta jiġri xi ħaġa lil xi vettura, ziemel jew frat, li minnhom ebda persuna ma tkun inkarikata. Skond dik is-sezzjoni, kwalunkwe persuna fuq il-post tista' titlob dawk il-partikularitajiet lid-driver; u għalhekk anki, u b'mod speċjali, sid il-karrozza li tkun irċeviet il-ħsara. Fil-każ ta' l-imputat, fil-post kien hemm l-Ispiżjar Mifsud, u lil dan l-imputat bilfors taħ l-informazzjonijiet kollha, għax it-tnejn ftehmu li jitaqgħu għand il-Canadian Brothers u tkellmu fuq l-assikurazzjoni. U billi l-karrozza li rċeviet il-ħsara mill-imputat kienet f'idejn l-Ispiżjar Mifsud, l-imputat ma kellux l-obbligu taħt dak l-art. 57 li jirrapporta minnufih lill-Pulizija dak li kien ġara. U tabilħaqq, il-Qorti Skoċċiża, fis-sentenza in re Adair vs. Flaming (1932) S. C. (J) 51, imsemmija fi Stone's "Justices' Manual (1950)", Vol. 2, p. 2066 (h), fejn ikkummentat u applikat is-subart. 2 ta' sect. 22 tar-Road Traffic Act 1930, li evidentement minnu ġie kkupjat ir-regolament tagħna nru. 57, irriteniet illi "if he" — id-driver — "has given his name and address to the other driver, he need not report to the Police under this subsection". Għaldaqstant, bid-dewmien li dam ma rrapporta l-aċċident lill-Pulizija, l-imputat ma kkommettiex il-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 57 tar-Regolamenti fuq imsemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fuq l-ewwel akkuża, iżda tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fuq it-tieni akkuża, u fuq din it-tieni akkuża tilliberà lill-imputat.